Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03/2022

**Il-Ħamis 24 ta' Frar, 2022**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:00 ta' wara nofsinhar. Kien hemm membri tal-Kunsill li kienu preżenti virtwalment.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku *(online)*
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku *(online)*
Désirée Vella Brincat – Kunsillier *(online)* ***(ħalliet il-laqgħa fis-18:40)***
Charles Cesare – Kunsillier *(online)*
Raymond Lanzon – Kunsillier*(online)*

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv *(online)*

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 03.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

03.1.1. Is-Sindku Dean Hili innota li l-membri kollha kienu preżenti.

### 03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 01/K8/2022.

03.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 01/K8/2022 kif ippreżentati.

03.2.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 03.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 02/K8/2022.

03.3.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 02/K8/2022 kif ippreżentati.

03.3.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 03.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/0476/22/I** Ilment biex jinżabar il-hedge li hemm fi Triq il-Mediterran kif ukoll fi Triq Cassino.

03.4.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0476/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiżbor dawn il-hedges wara li jwaqqgħu l-fjuri. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill jitlob l-intervent ta' Nature Trust Malta vis-a-vis il-hedge ta' Triq il-Mediterran.

03.4.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0498/22/I** Talba mingħand resident biex issir shade mal-bozza ta' dar 17 fi Triq Giorgio Mitrovich.

03.4.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0498/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni kemm il-darba l-lampa ser tibqa' fejn hi meta jsir l-iżvilupp propost anness.

03.4.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.4.7 Fid-dawl tad-deċiżjoni s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg talab lill-membri biex jikkonfermaw it-tali qabel issir l-ordni.

03.4.8 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li kien ser jikkomunika ma' Il-Kunsillier Raymond Lanzon dwar dan.

**46/0543/22/I** MFER-51-2021-Expression of Interest - Installation of Outdoor Ground Fixed Percussion Exhibits.

03.4.9 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0543/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova li japplika għal din l-iskema kif ukoll li tali installazzjoni issir fi Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

03.4.10 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.4.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0552/22/I** Email mingħand persuna li għadu jinsisti li jiġi rimburżat 100% tat-tajer li saritlu ħsara fih kif ukoll għal spejjeż oħra anċillari.

**46/0661/22/I** Email mingħand persuna li ġarbet ħsara fit-tajre tal-vettura tagħha, fejn issa provdiet ukoll ir-rapport tal-Pulizija.

03.4.12 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/0552/22/I u 46/0661/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill iżomm mal-pożizzjoni diġa meħuda, inkluż ukoll li s-sinjura li bagħtet d-dokumenti issa, tiġi infurmata bil-policy tal-Kunsill.

03.4.13 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.14 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li għandu riservi dwar jekk il-Kunsill għandux id-dritt li arbitrarjament jiddeċiedi kemm minn dawn l-ispejjeż għandu jħallas, b'dan illi huwa jirrispetta d-deċiżjoni diġa meħuda fil-laqgħa preċedenti.

03.4.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0571/22/I** Email mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill J&K Contractors, fejn aċċetta l-kummenti tal-Kunsill vis-a-vis it-talba tiegħu fejn issa hemm qbil li fejn ikun hemm double handling minħabba restrizzjonijiet ta' spazju, il-Kunsill iħallas id-differenza tal-ħaddiema u/jew makkinarju li jkun hemm bżonn skond ir-rati tat-tender.

03.4.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0571/22/I** fejn ippropona li la issa hemm qbil dwar il-pożizzjoni proposta mill-Kunsill, jista' jibda x-xogħol.

03.4.17 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0577/22/I** Email mingħand l-MCA dwar il-Web Accesibility Report, fejn ġew identifikati xi punti li hemm bżonn li jiġu modifikata fuq is-sit www.pembroke.gov.mt.

03.4.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0577/22/I** fejn talab il-kumment tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab dwar dan il-każ u talab għall-updates.

03.4.20 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li jaħseb li wasal iż-żmien li l-Kunsill iqabbad lil xi ħadd biex jagħmel il-manutenzjoni tas-sit. Il-kelliem qal li huwa

fuq bażi personali m'għandux ħin biex jagħmel dan inkluż iċ-ċertifikat tal-web site kif ukoll il-proċess biex isir sit dedikat bil-lingwa Ingliża.

03.4.21 Fid-dawl ta' dan is-Sindku Dean Hili ippropona li tinħareġ sejħa biex jiġu solvuta dawn is-sitwazzjonijiet.

03.4.22 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda u żied li huwa lesti jgħin fid-drafting tal-ispeċifikazzjonijiet / BOQ.

03.4.23 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0592/22/I** Ittra legali mingħand resident minn Triq G Henin fejn qed ifittex lill-IM u lill-Kunsill Lokali Pembroke dwar ħsara li ġarrab fil-maltempata ta' Novembru 2021.

03.4.24 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0592/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Avukati tal-Kunsill biex iwieġbu għal din l-ittra uffiċċjali, b'dan illi l-pożizzjoni tal-Kunsill għandha tkun fis-sens li l-Kunsill ma kienx involut la fid-disinn, la fl-għażla tal-kuntrattur u lanqas fl-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet, u għaldaqstant m'għandux ikun hu li jwieġeb għal din it-talba.

03.4.25 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.4.26 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0597/22/I** Email mingħand id-DGL - Case 23-2022 - Talba għall-Fondi ta' Aġġustament għas-sena 2022.

03.4.27 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0600/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħmel talba għal dawn il-fondi, liema fondi jgħinu biex jiffinanzja parti mill-ispiża biex jibda l-proċess t'upgrading tal-open area fi Triq l-Imħallef William Harding.

03.4.28 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.4.29 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0600/22/I** Email mingħand il-Pembroke Athleta Athletics dwar il-EuroSport Pembroke Swieqi Races li ser jinżammu nhar il-Ħamis 31 ta' Marzu 2022.

03.4.30 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0600/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni, inkluż li jinġabru stimi għas-servizzi offruta fis-snin li għaddew, u eventwalment jipprovdi tali servizzi sakemm l-ispiża tinżamm fl-istess parametri.

03.4.31 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.32 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0627/22/I** Email mingħand IM dwar l-upgrading tal-junction bejn Triq Martin Luther King u Triq il-Kosta.

03.4.33 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0627/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinsisti ma' IM biex dan ix-xogħol isir kemm jista' ikun malajr, issa li għaddew aktar minn sena u nofs minn meta inqala' il-bżonn għal dan ix-xogħol. Il-kelliem fakkar kif perjodikament qed jintbagħat email

dwar dan is-suġġett li minħabba n-nuqqas tat-tlestija tiegħu, ir-rotta tas-servizz pubbliku mhijiex qed issir kif pjanat għad-detriment tar-residenti u nies oħra li jagħmlu użu minnha.

03.4.34 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.4.35 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0628/22/I** Email mingħand il-Med Developers bi stima emendata għal-upgrading ta' Ġnien Madre teresa ta' Kalkutta.

03.4.36 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0628/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima kif ukoll li tintbagħat lill-Ambaxxata Ċiniża abbażi tal-ftehim li hemm bejn iż-żewġ naħat.

03.4.37 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.4.38 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0644/22/I** Aġġornament fuq is-sistema Local Permits, fejn min irid issa jsita' jinkludi ukoll il-possibilità li l-klijent iħallas ukoll il-miżata dovuta lill-LESA.

03.4.39 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0644/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill f'dan l-istadju ma jipparteċipax sakemm tinstab soluzzjoni dwar il-miżati tal-banek meta jsir pagament online.

03.4.40 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.41 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0658/22/I** Skema SPI.SCI.2.2022 mingħand id-DGL - Community Inclusive Employment Scheme 2022.

03.4.42 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0658/22/I** fejn talab il-kummenti tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab.

03.4.43 Kien hemm qbil li l-Kunsill jesplora jekk għandux japplika għal din l-iskema u għalhekk deċiżjoni tħalliet għal darb'oħra.

**46/0662/22/I** Talba biex isiru litter bins fil-picnic area kif ukoll li jsir aktar tindif.

03.4.44 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0662/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jara li jinġabru stimi biex jiġi installata 6 litter bins kbar.

03.4.45 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.4.46 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0686/22/I** Email mingħand The Grid dwar The Grid Obstacle Course Race li ser tinżamm nhar is-Sibt 28 ta' Mejju 2022.

03.4.47 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0686/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni suġġett li jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

03.4.48 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.4.49 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0721/22/I** Email mingħand il-Malta Mountain Biking Assosiation dwar iż-żamma ta' tellieqa cross country f'Pembroke, nhar il-Ħadd 8 ta' Mejju 2022.

03.4.50 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0721/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni suġġett l jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

03.4.51 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.4.52 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0732/22/I** Email mingħand Leon Promotion bi proposti ta' programm tal-karnival 2022 f'Mejju fil-lokalita' tiegħek.

03.4.53 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0732/22/I** fejn talab il-kummenti tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab.

03.4.54 Wara diskussjoni li saret kien hemm qbil li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għandu jiġi lura bi proposta li tiġi diskussa mill-Kunsill.

**46/0733/22/I** Email mingħand il-Pembroke Scout Group fejn qed jitolbu l-permess tal-Kunsill biex nhar is-Sibt 26 ta' Marzu 2022, ikunu jistgħu ipoġġu tinda żgħira fuq il-bankina faċċata tal-Maypole (jew fil-viċinanza, jekk ikun hemm xi oġġezzjoni mill-Pulizija)

03.4.55 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0733/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

03.4.56 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.4.57 Il-Kunsill qabel unanimament.

**03.4.58 *Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat ħalliet il-laqgħa fis-18:40.***

**46/0734/22/I** Email mingħand resident, jitlob l-intervent tal-Kunsill fuq ħajt li jidher li jinsab fil-periklu li jiġġarraf fil-passaġġ li minn Triq Alamein jagħti għall-Pembroke P&R.

03.4.59 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0734/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill javviċina lill-persuna li qed jindokra l-għalqa li hemm biswit. Il-kelliem irrimarka li huwa kien lest jikkomunika mal-persuna konċernata.

03.4.60 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.61 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0735/22/I** Notifikazzjoni lill-Kunsill biex jerġa' isir Risk Assessment tal-Playing Field tal-Kunsill.

03.4.62 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0735/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħmel dawn ir-rapporti wara li jitlesta x-xogħol t'upgrading ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

03.4.63 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.64 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0738/22/I** Kwotazzjoni mingħand Scan għall-provvista' ta' shredder.

03.4.65 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0738/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipprova jirranġa l-makkinarju li għandu preżentement, iżda jekk il-prezz ikun għoli, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg qed jingħata l-fakultà li jiġbor l-istimi neċessarja u jagħżel waħda li tkun simili.

03.4.66 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.67 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0739/22/I** Email mingħand RefabLightblue jitolbu laqgħa mal-Kunsill dwar il-ġbir ta' ħwejjeġ, għar-riċiklaġġ.

03.4.68 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0739/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jitlob aktar informazzjoni dwar x'jiġri mit-tessuti miġbura, qabel jaċċetta l'issir il-laqgħa.

03.4.69 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.4.70 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0766/22/I** Email mingħand Ambjent Malta dwar ix-xogħol li qed isir f'San Patrizju fejn talbu aċċess għall-bir, staqsew jekk il-Kunsill qatx għamel testijiet dwar l-istruttura tal-istess bir kif ukoll għajnuna dwar ħitan tas-sejjieħ u livellar ta' ħamrija.

03.4.71 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0766/22/I** fejn ippropona li l-Kunsill jinforma lill-Ambjent Malta li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jingħataw aċċess għall-ġiebja, li dwar l-istruttura tal-ġibjun il-Kunsill qatt m'għamel testijiet u li dwar il-ħajt tas-sejjieħ u livellar ta' materjal, għalkemm il-Kunsill għandu aċċess għall-kuntrattur, Ambjent Malta ikunu iridu jipprovdulna aktar dettalji qabel il-Kunsill ikun jista' jikkompeti ruħu dwar dan.

03.4.72 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

03.4.73 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.4.74 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippropona li l-bitħa ta' Juno Flats għandha tidħol fl-iskeda tal-knis u ssir meta issir Triq Juno.

03.4.75 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.4.76 Il-Kunsill qabel unanimament.

03.4.77 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fid-dawl li l-bitħa ta' Juno Flats hija meqjusa bħala sit privat, kien hemm qbil li tintalab direzzjoni mid-DGL jekk dak approvat jistax isir. Il-kelliem żied li safejn jaf huwa, din id-direzzjoni diġa kienet intalbet u ingħatat fil-passat u għalhekk kien ser jagħmel riċerka għaliha, liema pożizzjoni kienet ġiet aċċettata u approvata mill-Kunsill.

## 03.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

03.5.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, Is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 03.6 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

03.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 03/2022** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 01/K8/22 u 03/K8/22 **(Dok. 1)**

03.6.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 03/2022** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

03.6.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

03.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 03.7 Jum Pembroke 2022.

03.7.1 Is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-Kunsillier Raymond Lanzon.

03.7.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon irrimarka li fil-prinċipju l-Kunsill għandu jara li Jum Pembroke għandu jerġa' jibda jiġi iċċelebrat bħas-snin preċedenti.

03.7.3 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss wara l-elezzjoni ġenerali.

## 03.8 Attivitajiet għall-Ħamis ix-Xirka.

03.8.1 Is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-Kunsillier Raymond Lanzon.

03.8.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon irrimarka li ser jara fejn l-aħjar l-issir din l-attività'.

## 03.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

03.9.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 2, 3, 4, 5 u 6)**

03.9.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat, eskluż il-kontijiet tal-MED Dev. Des. and Cons. Ltd referenza 5875/20 li huma kollha konnessa max-xogħol ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta (wieħed li jikkonċerna l-livelli tal-ġnien peress li dawn iridu jiġu ikkorreġuta mill-perit stess, u ieħor relatat mal-BOQ peress li jidher li hemm żball u għandu jiġi rivedut, ieħor dwar id-DNO, u ieħor dwar l-ispeċifikazzjonijiet tat-tender). Il-kelliem ippropona ukoll li l-istess qed jiġi propost għal-Wasteserv minħabba li ser ikun hemm setting off.

03.9.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

03.9.4 Il-Kunsill qabel unanimament

## 03.10 Mozzjonijiet.

03.10.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 03.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

03.11.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fis-7:45pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal-Ħamis 24 ta' Marzu 2022 fil-5:00pm.

**Konfermati, illum 24 ta' Marzu, 2022**

**IFFIRMAT**

Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 03/2022** **24 ta' Frar 2022**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikati bejn il-Laqgħa 01/K8/22 u 03/K8/22

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 8 | 2022 | B. Grima and Sons | Tissupplixxi u twaħħal mera fi Triq Cassino faċċata ta' Triq Camillo Sceberras |
| 9 | 2022 | Progressive Information Systems Ltd | Renewal tas-software Sage Evolution għall-prezz ta' €487.08 inkluż il-VAT |
| 13 | 2022 | Mica Med | Tirranġa lampa W072 fi Triq Napuljun Tagliaferro li tinsab fuq arblu quddiem Dar numru 2 u Dar li qed tinbena |
| 15 | 2022 | Mica Med | Tirranġa lampa W105 Triq il-Battalja ta' Malta, wara Blk 10 |
| 16 | 2022 | Ells' Urban Services | Biex isir patching f'diversi toroq |
| 17 | 2022 | B. Grima and Sons | Tiġi rranġata t-tabella tal-persuni b'diżabilita' fi Triq Gioacchino Le Brun faċċata ta' Red Cross |
| 18 | 2022 | J&K Contractors | Issir road hump li tinkludi żebra crossing inkluż il-modifikazzjoni tal-bankina u l-pajpijiet li hemm bżonn. Dan skond il-linji gwida u l-approvazzjoni maħruġa minn TM. |
| 19 | 2022 | B. Grima and Sons | Tipprovdi u tinstalla sett Belishia Beackon inkluż l-arbli u t-tabelli neċessarja, flashing equipment, flood light, bozoz u l-wireing, fi Triq Suffolk, quddiem St Catherine High School. |
| 20 | 2022 | Mica Med | Manutenzjoni ta' lampa Y166 li tinsab fi Triq Antonio Mallia. |
| 21 | 2022 | Mica Med | Manutenzjoni ta' lampa Y167 li tinsab fi Triq Antonio Mallia. |
| 22 | 2022 | Mica Med | Manutenzjoni ta' lampa Y168 li tinsab fi Triq Antonio Mallia. |
| 23 | 2022 | Progressive Information Systems Ltd | Isiru emendi FA module. |
| 24 | 2022 | Apco Systems Ltd | Servizz skond il-ftehim mibghut li jkopri min Jan 2022 – Dic 2022 |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon

**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg